# Fjamingu jitniżżel f'Ħal Far

## BirdLife Malta tesiġi li l-Gvern jieħu azzjoni

Dalgħodu tajra oħra protetta sfat fil-mira tal-kaċċa illegali, din id-darba Fjamingu (Greater Flamingo). L-inċident seħħ kmieni dalgħodu f'Ħal Far. BirdLife Malta u l-Pulizija ssejħu fuq il-post minn persuna li rat lill-għasfur qed jitniżżel u jaqa' mal-art ftit 'il bogħod minn fejn intlaqat.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana ddeskriva dan bħala xokkanti u diżgustanti. "Biex tkompli tgħaxxaqha l-Gvern jidher li qed jadotta attitudni li ma jimpurtah minn xejn, u saħanistra għadu qed jikkunsidra l-wegħdiet ta' tnaqqis fil-multi. Aħna nesiġu li tittieħed azzjoni f'isem dawk kollha li jħobbu n-natura. Nitolbu lill-pubbliku biex juri l-preokkupazzjoni tiegħu u jappoġġjana aktar minn qatt qabel."

Wara li nġabar, il-Fjamingu – li huwa ferħ – ġie mgħoddi f'idejn il-Pulizija li ħaduh għand il-veterinarju. Sfortunatament l-għasfur laħaq tilef ħafna demm mill-ġewnaħ tal-lemin li nqasam kompletament u ma seta' jsir xejn biex jiġi salvat. Minħabba l-feriti serji kkaġunati mit-tiri tas-senter ma kien hemm l-ebda triq oħra ħlief li jitraqqad.

Il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara, li kien fuq il-post mal-Pulizija, iddeskriva dan l-inċident bħala diżgustanti u inġust speċjalment wara li żewġ Fjamingi oħra riċentement ġew salvati wara li kellhom bżonn l-għajnuna. "Dan il-Fjamingu hu għasfur differenti mit-tnejn li nġabru ftit tal-ġimgħat ilu u li dan l-aħħar spiċċaw fiċ-ċentru tal-attenzjoni wara li wieħed minnhom niżel fil-Bajja tal-Għadira fost l-għawwiema."

Dan hu l-**għaxar** għasfur protett midrub li nġabar minn BirdLife Malta din il-ħarifa għalkemm ġew innutati diversi għasafar oħrajn b'feriti differenti. Dawn ikunu biss l-għasafar li nafu bihom u għalhekk jiffurmaw persentaġġ żgħir ħafna mill-ammont totali ta' għasafar li verament jispiċċaw vittmi tal-kaċċa illegali. Ta' din is-sena hu wieħed mill-agħar staġuni tal-kaċċa tal-ħarifa fl-aħħar snin.

BirdLife Malta qed issejjaħ għal sforz ikbar biex jittejjeb l-infurzar u għal darba oħra qed titlob lill-Gvern biex kemm jista' jkun malajr iwaqqaf Wildlife Crime Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Bħalissa BirdLife Malta għaddejja wkoll b'kampanja ta' *crowdfunding* fuq http://www.zaar.com.mt/isavebirds.

**TMIEM**

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/f6n4tZKOcc**

1. Il-Fjamingu midrub ta' dalgħodu 1 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Il-Fjamingu midrub ta' dalgħodu 2 (Ritratt ta' BirdLife Malta)

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/IFojCEmU2f**

1. Filmat tal-ġbir tal-Fjamingu dalgħodu minn Ħal Far u l-għasfur għand il-veterinarju (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna